MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 462/2008

**P.J. Sutters (Importers) Limited [C35983]**

***kontra***

**Is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru Ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors mahluf prezentat fis-6 ta` Mejju 2008 li jaqra hekk –

*Illi s-socjeta` esponenti hija Traditional Importer ta` Dairy Products u ghalhekk tikkwalifika sabiex tibbenifika minn Temporary State Aid – Dairy Products, bis-sahha ta` liema d-dairy products importat minnha huma sussidjati.*

*Illi l-awtorita` nkarigata mill-allokazzjoni u l-amministrazzjoni ta` Temporary State Aid – Dairy Products hija t-Temporary State Aid Unit, Trade Mechanism Section, fi hdan il-Ministeru Ghall-Affarijiet Rurali u Rizorsi.*

*Illi s-socjeta` esponenti ilha tapplika u tibbenifika mill-allokazzjoni ta` Temporary State Aid ghal Dairy Products importati minnha ghal diversi snin.*

*Illi ghall-perjodu Lulju sa Dicembru 2007 it-Temporary State Aid Unit b`negligenza u traskuragni damet f`mod esagerat milli tiddikjara formalment kemm kien gie allokat Temporary State Aid lis-socjeta` esponenti, u dana minkejja talbiet persistenti tas-socjeta` esponenti sabiex tigi finalizzata tali allokazzjoni, bil-konsegwenza li l-istess socjeta` esponenti sofriet danni ingenti, ghal liema danni huma unikament responsabbli l-intimati.*

*Illi jirrizulta wkoll illi l-intimati, wara over-subscription ghal Temporary State Aid ghall-perijodu Lulju – Dicembru 2007 minn diversi importaturi ta` Dairy Products, naqsu milli jallokaw it-Temporary State Aid f`mod ekwu u li jirrifletti l-importazzjoni tas-socjeta` esponenti fis-sena precedenti, bil-konsegwenza li s-socjeta` esponenti nkorriet danni ngenti.*

*Illi s-socjeta` esponenti interpellat inutilment diversi drabi lill-intimati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni nkorsi minnha, anke bis-sahha ta` ittra ufficjali datata 17 ta` Marzu 2008 (757/2008).*

*JGHIDU GHALHEKK l-intimati ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess:*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara illi bhala konsegwenza tat-tardivita` esagerata tal-intimati fl-allokazzjoni ta` Temporary State Aid – Dairy Products ghall-perijodu Lulju – Dicembru 2007, is-socjeta` esponenti nkorriet danni ngenti, ghal-liema danni huma unikament responsabbli l-intimati;*

*2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimati, wara li kienu rinfaccjati b`over subscription ghal Temporary State Aid – Dairy Products ghall-perijodu Lulju – Dicembru 2007, naqsu milli jallokaw it-Temporary State Aid f`mod ekwu u li jirrifletti l-importazzjoni tas-socjeta` esponenti fis-sena precedenti, bil-konsegwenza li s-socjeta` esponenti nkorriet danni ingenti, ghal-liema danni huma unikament responsabbli l-intimati;*

*3. Tikkundanna lill-istess intimati jhallsu dawk id-danni nkorsi mis-socjeta` esponenti li ghandhom jigu likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-assistenza, dejjem jekk mehtieg, ta` perit nominandi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-12 ta` Gunju 2008 li taqra hekk –

*Illi fl-ewwel lok u minghajr ebda pregudizzju, ma jidhrix li jirrizulta mill-atti tar-rikors odjern li l-imsemmi Joseph Rapa gie fil-fatt awtorizzat mis-socjeta` rikorrenti*

*sabiex jipprezenta dan ir-rikors u ghalhekk ghandha tingieb il-prova da parti tas-socjeta` rikorrenti dwar dan ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pozizzjoni kif esposta mis-socjeta` rikorrenti fl-ewwel tliet paragrafi tar-rikors promotur m`humiex ikkontestati ;*

*Illi dak iddikjarat fir-raba`, il-hames u s-sitt paragrafu tar-rikors promotur huwa kkontestat bl-akbar qawwa ;*

*Illi bir-rispett kollu lejn is-socjeta` rikorrenti, il-fatt li s-socjeta` rikorrenti kienet xi darba ntitolata ghal xi hlasijiet fir-rigward ta` Temporary State Aid – Diary Products, b`ebda mod ma jfisser li l-istess socjeta` hija awtomatikament ntitolata ta` tali hlasijiet u dan fuq bazi regolari kif qed tippresenti l-istess socjeta` rikorrenti ;*

*Illi tali allokazzjoni hija decizjoni li hija fil-prerogattiva assoluta tal-esponenti u jekk is-socjeta` rikorrenti dehrilha li a bazi tal-allokazzjonijiet lilha maghmula fis-snin precedenti kellha timporta xi merkanzija, dan ghamlitu fuq decizjoni unilaterali da parti taghha u bhala parti min-negozju u r-riskju tal-istess negozju li hija nvoluta fih hi u l-esponenti zgur ma jista` b`ebda mod jinzamm b`xi mod responsabbli ghad-decizjoni unilaterali taghha ;*

*Illi l-fatt li fis-snin ta` qabel, l-istess socjeta` rikorrenti kienet giet allokata xi allokazzjonijiet ma jfissirx li nholoq xi vinkolu legali li jorbot lill-esponenti biex jalloka l-ammonti msemmija sena wara l-ohra ;*

*Illi bir-rispett kollu lejn is-socjeta` rikorrenti, il-fatt li fi snin l-imghoddija giet allokata xi allokazzjonijiet da parti tal-esponenti, qatt ma jista` jigi nterpretat li b`daqshekk nholoq xi monopolju tas-suq favur l-istess socjeta`*

*rikorrenti, bhala qed tippretendi li jsir l-istess socjeta` rikorrenti ;*

*Illi minghajr pregudizzju u bir-rispett kollu lejn is-socjeta` rikorrenti, minn imkien ma jirrizulta li l-esponenti intimat m`hu marbut b`ebda 'time limit' li fih ghandu jiddeciedi fuq l-allokazzjonijiet u ghalhekk dak li qed tippretendi l-istess socjeta` rikorrenti fir-rigward ta` meta kellhom jinhargu l-allokazzjonijiet imsemmija assolutament ma jistghux jigu accettati ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Robert Cassar (fol 21), ta` Joseph Rapa (fol 29 sa 32) flimkien mad-dokumenti hemm esebiti (fol 33 u 34), u ta` Moira Borg (fol 35).

Semghet id-deposizzjoni ta` Miriam Grech (fol 41 sa 53, fol 63 sa fol 66, u fol 119 sa fol 120) u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud (fol 37 sa 39 u fol 68 sa fol 105).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Frar 2010 fejn id-difensur tal-kumpannija attrici ddikjara li s-socjeta` attrici ma kenitx qeghda tikkontesta l-ammont tal-kwota allokata u l-formola ta` kif inhadmet il-kwota. Il-lanjanza taghha kienet id-dewmien u l-mod kif saret l-allokazzjoni fis-sena in kwistjoni.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Moira Borg (fol 106 sa 108) u ta` Joseph Rapa (fol 109 sa fol 114 u fol 117 sa fol 118).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Novembru 2010 fejn *inter alia* inghalaq l-istadju tal-gbir tal-provi.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-kumpannija attrici (fol 122 sa fol 126).

Rat in-nota responsiva tal-konvenut (fol 127 sa fol 129).

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-23 ta` Mejju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Il-konvenut mhux jikkontesta li l-kumpannija attrici ("P.J. Sutters") hija *a traditional importer* ta` *dairy products* u ghalhekk tikkwalifika sabiex tircievi *temporary state aid – dairy products*, bis-sahha ta` liema l-prodotti tal-halib li timporta jigu sussidjati. Lanqas ma huwa kontestat mill-konvenut illi P.J. Sutters ilha tapplika u tibbenefika mill-allokazzjoni ta` dan it-*temporary state aid* ghal diversi snin. Irrizulta nfatti illi P.J. Sutters ilha tgawdi minn sussidju sa minn Mejju 2004 meta Malta saret membru tal-UE meta dahlet skema fejn persuni li kien jimportaw *dairy products* qabel Mejju 2004 setghu japplikaw ghal

sussidju. L-awtorita` nkarigata mill-allokazzjoni u l-amministrazzjoni ta` *temporary state aid – dairy products* hija t-*Temporary State Aid Unit*, *Trade Mechanism Section*, fi hdan il-Ministeru Ghall-Affarijiet Rurali u Rizorsi.

Il-konvenut jikkontesta l-fondatezza tal-allegazzjoni ta` P.J. Sutters illi fil-perijodu ta` bejn Lulju u Dicembru 2007, it-*Temporary State Aid Unit* damet b` mod esagerat milli tiddikjara formalment kemm kien gie allokat *temporary state aid* lil P.J. Sutters, minkejja talbiet persistenti taghha. Skond P.J. Sutters, dan id-dewmien sehh minhabba negligenza u traskuragni tal-konvenut. Il-konsegwenza ta` dan id-dewmien kienet illi fil-perijodu in kwistjoni kien hemm *over subscription* ghal *temporary state aid* minn diversi importaturi ta` *dairy products* li wassal biex l-allokazzjoni tas-sussidju ma ssirx b`mod ekwu. Id-*dairy product* in kwistjoni kien butir. P.J. Sutters spiccat hadet inqas sussidju mis-sena precedenti u ghalhekk garrbet id-danni.

Il-bazi tal-kontestazzjoni tal-konvenut hija li bil-fatt li fil-passat P.J. Sutters hadet dak it-tip ta` *temporary state aid* ma kienx ifisser li kienet intitolata tiehu sussidju fuq bazi regolari. L-allokazzjoni kienet prerogattiva assoluta tal-konvenut. Kienet decizjoni unilaterali u ghar-riskju taghha dik ta` P.J. Sutters li timporta prodotti daqskemm importat fi snin ta qabel. Dak il-fatt wahdu ma kienx jaghtiha dritt ghal sussidju bhal ta` snin ta` qabel. Il-konvenut ma kienx marbut b`terminu ta` zmien meta jiddeciedi l-allokazzjonijiet u ghalhekk P.J. Sutters ma tistax tirrinfaccja lill-konvenut b`allegazzjoni ta` dewmien u allura danni.

Jirrizulta li ghall-perijodu in kwistjoni, l-applikazzjonijiet ghal *state aid* hargu fis-6 ta` Awissu 2007. Fil-21 ta` Awissu 2007, P.J. Sutters applikat ghal sussidju fuq 98 tunnellata u zewg tunnellati butir rispettivament. P.J. Sutters inghatat sussidju ta` *36.64*

*tonnes at the rate of €700 per ton (CN Code 04051011) and on 2.00 ton at the rate of €700 per ton (CN Code 04051019)* [ara l-ittra tas-26 ta` Settembru 2007 a fol 5]. Irrizulta li l-ufficjal inkarikat mill-kwistjonijiet tat-*temporary state aid* kien Lawrence Attard (ara l-email a fol 7). Fl-ittra tal-24 ta` Marzu 2008 (fol 4) li l-avukat tal-konvenut baghtet lil P.J. Sutters jinghad illi kien hemm sussidju fuq kwantitajiet ridotti mhux minhabba dewmien (kif allegat mill-kumpannija attrici) izda minhabba *oversubsciption* tal-allokazzjoni. Hekk kien ribadit f`email tal-Ministeru tal-11 ta` Jannar 2008 (fol 6). Jirrizulta li fl-2004, P.J. Sutters importat 67 tunnellata, fl-2005 importat 74 tunnellata waqt li fl-2006 importat 105 tunnellata.

Fl-affidavit tieghu, Joseph Rapa xehed hekk fost hwejjeg ohra –

… *Kull meta applikajna sehhet allokazzjoni ta state aid f`anqas minn xahar minn meta nkunu ssottomettejna l-applikazzjoni relattiva.*

L-applikazzjoni … *harget fis-26 ta` Settem,bru 2007, fern u ferm wara li meta dina suppost harget, partikolarment meta wiehed jikkunsidra l-mod kif kienu inhargu l-applikazzjonijiet precedenti.*

… *fit-3 ta` Lulju 2007, wara li tlabna lill-Ministeru jghidilna meta kienu ser johorgu allokazzjonijiet konna gejna mgharrfa li dawna " … will be issued shortly". Is-"shorly" tal-Ministeru kien Settembru 2007.*

… *minhabba l-agir ta` l-intimat ahna sofrejna telf sostanzjali. It-telf ovvjament gie imgarrab peress li ahna beghna l-butir bl-anticpazzjoni illi bhal ma kien dejjem gara regolarment fis-snin ta` qabel, kien ser ikun hemm state aid adegwat allokat lil P.J. Sutters (Importers) Limited. Ovvjament kieku ahna gejna avzati puntwalment illi l-allokazzjoni kienet ser tkun ftit hafna, kif fil-fatt kien, kien ikollna kull opportunita` sabiex nirregolaw ruhna. Hekk, ahna gejna skoperti ghall-ahhar.*

*… is-Segretarju Permanenti jenfasizza illi fil-fehma tieghu d-Dipartiment lanqas ma ghandu jaghti spjegazzjoni lil hadd, u jista` jagixxi fil-mod li jidhirlu, anke a skapitu ta` kumpanniji bhal taghna, fejn, fil-kaz in ezami, il-beneficcju ta` state aid huwa dritt. Nerga` nenfasizza illi l-kumpannija taghna ta` bilfors dejjem hadet in konsiderazzjoni l-element ta` state aid sabiex tipprezza il-prodott li kienet qeghda tbiegh, u ghalhekk kien element fundamentali ghal dak li jirrigwarda l-marketing u l-bejgh tal-butir.*

*… l-allokazzjoni effettiva bl-ebda mod ma tirrifletti l-allokazzjonijiet koncessi lilna fis-snin precedenti.*

Dwar liema kwantitajiet jigu ndikati fl-applikazzjoni, Joseph Rapa xehed illi kollox jiddependi mill-budget tal-kumpannija. Dan il-budget jinhadem skond il-konsum tas-sena precedenti, wara li jigi stabbilit kemm stock ikun fadal mill-allokazzjkoni ta` qabel. Ghalhekk il-benchmark huwa l-budget u sales. Kompla hekk –

… *jien rrid naghmel is-saales tas-sena l-ohra plus ten per cent, five per cent, kemm ahna nkunu qed nghidu li ha nzidu fis-sales tal-kumpannija u minnha nnaqqas l-istock li jien diga` ghandi biex inkun naf li dak l-istock ha jservini ghas-sitt xhur.*

Moira Borg ikkorrabora x-xiehda ta` Joseph Rapa fis-sens illi bhala regola l-applikazzjonijiet ghal *state aid* kienu johorgu mill-Ministeru puntwalment. Billi l-applikazzjonijiet ghaz-zmien in kwistjoni kienu damu ma hargu hija kienet ccempel il-Ministeru konvenut kull gimgha.

Mhux kontestat illi skond il-prassi adoperata mill-konvenut, l-allokazzjoni tal-fondi bhala *state aid* kienet issir in kwantu ghal 90% bejn it-*traditional importers* (u P.J. Sutters kienet wahda minnhom) u in kwantu ghal

10% bejn importaturi ohra.  L-allokazzjoni ssir pro rata skond kemm persuni japplikaw.

L-uniku xhud tal-konvenut kienet Miriam Grech.  Hija kkonfermat il-figuri kollha li ssemmew mill-kumpannija attrici.  Qalet li l-kwota tigi determinata mill-Gvern.

Dwar l-*oversubscription*, Miriam Grech xehdet hekk –

… *Jekk ikollna over subscription jekk l-applications ikunu within the limit tal-kwota, kulhadd jiehu kemm applika.  Jekk ikun hemm over subscription dik trid tinhadem u tohrog percentage.*

Skond ix-xhud, il-persentagg jinhadem fuq *past history* tal-importatur koncernat.

Dwar il-kwistjoni tad-dewmien, hija xehdet hekk –

… *Dik id-darba ghadda ftit zmien kien pero` jigifieri ahna m`ahniex marbutin li bilfors ezatt one month after the application … m`ahniex marbutin bi zmien.*

*… l-importatur ma jistax jaqbad u jimporta qabel ma jkun avzat min-naha tagha ghax irid ikun jaf kemm ha jimporta.*

*…* P.J. Sutters *suppost hu kellu japplika* (ossija "jimporta") *wara li rcieva dik l-ittra.* (Ix-xhud kienet qeghda tirreferi ghad-Dok MG2 li hija l-ittra bl-allokazzjoni li nghata P.J. Sutters).

… *Domna izjed mis-soltu, ghaliex ma nafx ezatt.*

*… Ahna nippruvaw li nwiegbu malajr kemm jista` jkun pero` qatt m`hemm stipulat li rridu nwiegbu within 15 days jew hekk, dik li rrid nghid.*

Dwar ir-raguni specifika, kompliet tixhed hekk –

… *Ir-raguni kienet li d-Direttur li tahtu kienet taqa` s-sezzjoni hareg bis-sick leave, long sick leave u eventually gie boarded out, u s-sezzjoni tieghu kellha tigi trasferita f`section ohra, in-nies li kellu hu min spiccalu l-kuntratt, min mar post iehor u n-nies li jridu jiehdu over kien bhal xoghol gdid ghalihom u bdew jistennew li jinghataw handover, ghax ovvjament ix-xoghol peress li kien gdid ghalihom ma kienux jafuh u min kellhom jtihom il-handover ha xoghol gdid iehor allura ma tantx kellu cans, anki l-kap taghha ma tantx beda jitlaqha malajr biex tmur taghti l-handover, u ghalhekk beda jizdied z-zmien sakemm hargu l-applications* (fol 64).

L-ufficjal koncernat li hareg bis-sick leave kien Mr. Nicholas Bonanno. Id-Dok JB8 esebit minn Miriam Grech a fol 105 ighid hekk –

*According to our records Mr. Nicholas Bonanno was boarded out with effect from the 29th August 2007 and not the 30th August 2007. The commencement date of his sick leave which led to his being boarded out was on the 28th May 2007.*

Dwar il-quantum tad-danni xehed l-awditur Robert Cassar. Fl-affidavit tieghu a fol 21, hemm specifikati d-danni pretizi minn P.J. Sutters. Jirrizulta li fil-perijodu in kwistjoni, P.J. Sutters importat 59.277 tunnellati ta` butir. Is-sussidju kellu jkun ta` €700 ghal kull tunnellata. Billi rrizulta li l-kumpannija attrici nghatat sussidju ghal 36.640 tunnellati biss, u mhux ghall-59.277 tunnellata butir li kienet fil-fatt importat, kwantita` li fl-applikazzjoni ghas-sussidju kienet oghla, P.J. Sutters spiccat kellha tbati nuqqas ta` sussidju fuq 22.637 tunnellati fl-ammont ta` €15,845. Dawn il-*workings* debitament konfermati bil-gurament ma gewx kontestati mill-konvenut.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

Ghadd gmielu kienu l-provi li ressqu l-partijiet dwar aspetti tal-kwistjoni bejniethom. **<u>It-talba principali attrici hija l-ewwel talba</u>**. Minn kif hija dedotta dik it-talba fl-isfond tal-premessi huwa evidenti ghall-ahhar li d-dikjarazzjoni ta` responsabilita` li qeghda titlob fil-konfront tal-konvenut hija dik ghal *culpa aquiliana*. L-azzjoni attrici mhijiex *ex contractu* izda *ex quasi delicto*. Infatti hija l-kumpannija attrici stess illi tghid li batiet id-danni minhabba *negligenza u traskuragni* (kliemha) da parti tal-konvenut.

Fil-ligi taghna, il- *culpa aquiliana* ssib l-fonti guridika taghha fl-**<u>Art.1031</u> <u>u 1032(1) tal-Kap.16</u>** –

*<u>L-Art.1031</u>* –

*Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.*

*<u>L-Art.1032(1)</u>* –

*Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

L-oneru tal-prova tal-htija tal-konvenut kien jispetta lil P.J. Sutters. U l-kwalita` tal-prova li kellha taghmel kellha tkun il-prova ta` ness ta' kawzalita' bejn l-allegat fatt kolpuz u l-event dannuz.

Issa fil-kaz tal-lum irrizulta ghar-ragunijiet li fissret Miriam Grech illi l-applikazzjonijiet ghall-allokazzjoni tal-*state aid* hargu tard aktar mis-soltu. Kienet x`kienet ir-raguni ghad-dewmien, gusta inkella le, kienet dik tikkwalifika bhala fatt kolpuz ? Din il-Qorti twiegeb fin-negattiv propju ghaliex ghad illi l-applikazzjonijiet hargu tard, P.J. Sutters ma kenitx prekluza milli tiehu s-sussidju previst. Fil-fatt l-applikazzjoni taghha kienet accettata u t-talba taghha kienet akkordata ghalkemm mhux fil-kwantita` li applikat ghaliha.

Din il-Qorti qieset il-provi bir-reqqa. Issib karenti fl-assjem, prova determinanti. Ma rrizultax li d-dewmien kien il-kawza tal-*over subscription.* Iddur kemm iddur id-dokumenti tal-Gvern li gew esebiti ssib li matul is-snin it-*traditional importers* baqghu prattikament l-istess. U ma rrizultax lanqas li ghax kien hemm over subscription P.J. Sutters kienet svantaggjata fil-konfront tal-kompetituri taghha. Min ried japplika, seta` japplika. Il-konsiderazzjoni fuq il-kriterju tal-*past history* kien ta` kulhadd l-istess. U hadd ma baqa` barra. Ghalhekk P.J. Sutters ma tistax tfittex pretest ghal risarciment ta` danni meta danni la garrbet ghax hadet dak li kienet intitolata ghalih kif ukoll il-fatti tad-dewmien ma kienux jikkwalifikaw bhala fatt kolpuz. La ma kienx hemm fatt kolpuz ma jistax ikun hemm event dannuz. Fil-kaz in esami ma tistax tigi mputata “*culpa*” lill-konvenut u cioe’ “*vjolazzjoni ta’ dmir jew omissjoni volontarja ta’ diligenza bhala konsegwenza ta’ liema ma jigux previsti l-konsegwenzi tal-azzjoni jew omissjoni propja u ghalhekk jigi vjolat id-dritt ta’ haddiehor minghajr ma wiehed ikun irid jew minghajr ma wiehed jinduna*” [**R. Casha vs F Sammut – PA/PS – 28 ta’ April 2003**]. Inoltre “*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew omissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew omissjoni ghandhom konnessjoni ta’ kawza u effett mad-danni sofferti*” [**G. Bugeja vs D. Gatt – Appell Inferjuri/PS – 20 ta’ Ottubru 2003**].

Waqt il-gbir tal-provi qamet il-kwistjoni meta kellha P.J. Sutters timporta l-butir u cioe` huwiex qabel jew wara l-allokazzjoni. Din il-Qorti ma tqisx din il-kwistjoni bhala rilevanti ghad-decizjoni tal-vertenza. Fl-istess waqt irrizulta li P.J. Sutters sejhet biex timporta qabel saret l-allokazzjoni. Fil-verita` dak kien riskju kummercjali li trid iggorru hi u ma tistax timputa nuqqas lill-konvenut anke fuq din il-kwistjoni meta l-konvenut b`ebda mod ma ntrometta ruhu dwar iz-zmien meta ssir l-importazzjoni.

Kwistjoni ohra li qamet kienet li l-konvenut ma kellu l-ebda vinkolu ta` zmien u allura ma jistax jigi addebitat lilu l-fattur tad-dewmien bhala fonte ta` htija. Anke hawn il-kwistjoni ma kenitx direttament rilevanti. L-unika konsiderazzjoni ta` nota hija l-fatt accertat li bil-mod kif hargu l-applikazzjoni ma kien hemm l-ebda att abbusiv, irragonevoli jew in eccess tal-poteri konferiti mil-ligi lill-konvenut. Hadd mill-kompetituri ma jista` jallega mgieba pregudizzjevoli diretta fil-konfront tieghu mill-konvenut. Fil-kaz tal-lum, lanqas ma din il-Qorti rriskontrat fil-konvenut esercizzju ta` diskrezzjoni b`mod abbusiv jew diskriminatorju.

L-ewwel talba qeghda tkun respinta u ghalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni taz-zewg talbiet l-ohra.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qeghda tichad it-talbiet tal-kumpannija attrici, bl-ispejjez kontra taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------